MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 851/2001/1

**Avukat Dottor Louis Galea**

**v.**

**Glenn Bedingfield**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-15 ta' Mejju 2001 li taqra hekk:

"Peress illi l-konvenut huwa l-awtur tal-ktieb intitolat "Il-Hbieb tal-Hbieb";

“Peress illi fil-ktieb “Il-Hbieb tal-Hbieb” huwa msemmi l-attur f’pagni 40, 42 u 45, f’kuntest ta’ traffikar ta’ drogi u ta’ persuni involuti fit-traffikar tad-droga u b’hekk gew attribwiti lilu fatti determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront tieghu li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u ghar-redikolu u li jaggravaw l-integrita` u r-reputazzjoni tieghu;

“Peress illi l-attur, bhala parti malafamata u danneggjata ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;
“Ighid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandiex;

“1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni surreferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;

“2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f’ammont li ma jeccedix hamest elef Lira (Lm5,000) bhala danni b’applikazzjoni tal-Artikolu 28 ta’ Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-4 ta’ Gunju 2001 li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. illi l-pubblikazzjoni msemmija m’hijiex libelluza fil-konfront tal-attur.

“2. illi l-partijiet tal-ktieb li minnhom qed jilmenta l-attur jikkonsistu f’rapurtagg gurnalistiku fidil u shih dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku, u f’kummenti, kritika, u espressjoni tal-opinjoni tal-eccepjent dwar materja ta’ interess pubbliku, permissibbli f’socjeta` demokratika, kemm taht il-Ligijiet tal-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fundamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem.

"3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:

".........wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attur: tghid illi l-konvenut ta malafama lill-attur bil-pubblikazzjoni *Il-Hbieb tal-Hbieb*, tillikwida d-danni li garrab l-attur ghall-malafama fis-somma ta' elfejn u hames mitt Lira (Lm2,500), u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imghax u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni. "

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-konvenut ma jichadx illi kien hu l-awtur tal-pubblikazzjoni li dwarha saret din il-kawza.

"Din il-pubblikazzjoni, fil-partijiet taghha li dwarhom qieghed jilmenta l-attur, hija msejsa l-aktar fuq siltiet mid-djarju ta' certu Ciro del Negro. F'dan id-djarju del Negro jirrakkonta, fost hwejjeg ohra, dwar ftehim fuq negozju ta' droga li kien isir f'ufficcju fil-Mosta li kien jinqeda bih, fost ohrajn, il-Ministru Lawrence Gatt. F'wahda mis-siltiet mill-pubblikazzjoni relevanti ghall-kaz tal-lum, f'pagna 40[1], il-konvenut ighid hekk:

""Fl-Ufficcju tal-Ministru [Lawrence Gatt] kienu jigru hafna affarijiet u jidher li kien isir hafna negozju u pjaciri ghal min kien habib tassew. Dawl fuq dak li jigri fil-Mosta ntefa' minn Taljan mizzewweg Maltija li llum hu mkecci minn Malta, Ciro del Negro.

"Id-djarju li kien izomm dan it-Taljan fih dettalji ta' kif kien isir in-negozju tad-droga fl-ufficcju tal-Ministru u kif din l-istess droga kienet tiddahhal f'Malta.

… … …

---

1 *Fol*. 29.

"Fid-djarju ta' del Negro kienu ssemmew diversi persuni, inkluz persuni li llum jiffurmaw parti mill-Kabinett Nazzjonalista u qrabathom. Fosthom jissemma … … … Louis Galea u huh Joe, … … ….

… … …

"Bosta mill-persuni li jissemmew 'il fuq kienu jiffrekwentaw l-ufficcju ta' Lawrence Gatt, skond del Negro. Skond hu f'dan l-ufficcju kienu jigru hafna affarijiet strambi. Kien jisma' wkoll kliem dwar traffikar ta' droga.

"In-notamenti fid-djarju li kien izomm kienu kollha notamenti ta' dak li kien sar jaf jew ta' dak li ra f'dan l-ufficcju."

"F'pagna 42[2] hemm ritratt ta' erba' min-nies, fosthom l-attur u iehor li kien instab hati ta' traffikar ta' droga, u riproduzzjoni ta' pagna mid-djarju – dik relativa ghas-6 ta' Ottubru [1993] – li fuqha, hdejn il-hin tal-hdax ta' filghodu (11.00 *a.m.*), jidhru l-kliem "*Joe Galea fratello di Louis*".

"F'pagna 45[3] il-konvenut ikompli jghid illi l-Ministru Lawrence Gatt kien irrizenja u illi l-Prim Ministru ta' dak iz-zmien kien accetta r-rizenja tieghu. Ikompli hekk:

""Ir-raguni li kienet wasslet ghar-rizenja ta' Gatt kien impjieg ta' xi hadd jigi minnu fis-Segretarjat tieghu, izda fil-kuriduri tad-Dar Centrali f'Tal Pietà kienu qed ighidu li Fenech Adami accetta r-rizenja ta' Gatt proprju minhabba dak li kien ghaddej fl-ufficcju tieghu.

"Izda jekk Fenech Adami kien konsapevoli ta' dak li kien ghaddej fl-ufficcju tal-Ministru fil-Mosta, ifisser li kien jaf hafna aktar affarijiet.

"… … … Qatt tkellem ma' Louis Galea dwar ghaliex hu u huh Joe jissemmew minn Ciro del Negro? … … …

---

2 *Fol*. 30.
3 *Fol*. 31.

“Ilkoll kienu cahdu li jafu lil Calleja, lil Ray Debono, lil Ciro de Negro ghal naqra kienu se jispiccaw li l-ahwa ma kienux jafu lil xulxin.

“Dak li kien jigri fl-ufficcju ta’ Lawrence Gatt u l-persuni li ssemmew tul l-istharrig tal-Pulizija dwar traffikar ta’ droga jixhed li f’pajjizna tezisti xibka ta’ persuni midhla fil-politika u fil-kriminalità li fl-ahhar snin staghnew bl-importazzjoni tad-droga. … … …”

“L-attur qieghed ighid illi dawn is-siltiet, kemm wehedhom kif ukoll fil-kuntest li fih jidhru, huma mahsuba biex lill-qarrej jaghtuh x’jahseb illi l-attur huwa b’xi mod imdahhal fit-traffikar ta’ droga u ghandu x’jaqsam ma’ nies li whud minnhom kienu mistharrga u ohrajn ukoll misjuba hatja ta’ traffikar ta’ droga.  Dan jaghtih malafama ghax hu b’ebda mod ma hu mdahhal fit-taffikar tad-droga u lanqas ma ghandux x’jaqsam ma’ min hu mdahhal f’dak it-traffikar.

“Il-konvenut min-naha l-ohra jghid illi, ladarba isem l-attur jidher fid-djarju ta’ del Negro fil-kuntest ta’ traffikar ta’ droga, mela hemm interess pubbliku li dak il-fatt ikun maghruf ghax huwa mehtieg illi l-attur, li huwa Ministru fil-Kabinett, jaghti spjegazzjoni ta’ kif ismu deher f’dak il-kuntest.  Ikompli jghid illi fil-pubblikazzjoni hemm biss “rapportagg gurnalistiku fidil u shih dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku”, u kummenti, kritika u espressjoni ta’ opinjoni dwar materja ta’ interess pubbliku, li huma permissibbli f’socjetà demokratika, kemm taht il-Ligijiet ta’ l-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni.

“Il-konvenut jistrieh ukoll fuq il-jedd ta’ espressjoni hielsa, mhares taht l-Art. 10 tal-Konvenzjoni, u jfisser kif, fit-tensjoni bejn dak il-jedd u l-jedd ghall-fama u ghall-harsien tar-reputazzjoni, il-ligi, kif interpretata kemm mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll mill-Qrati ta’ dawn il-Gzejjer, qieghda xxaqleb dejjem aktar lejn il-harsien tal-jedd ta’ espressjoni hielsa, u qieghda twessa’ dejjem aktar dak il-jedd, aktar u aktar fejn l-espressjoni tkun dwar materja ta’ interess pubbliku fejn il-persuni li

jkollhom x'jaqsmu jkunu figuri pubblici. Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jkompli jghid hekk:
""It-tema centrali fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni hija li kwalunkwe interferenza jew restrizzjoni fid-dritt tal-libertà tal-espressjoni (specjalment fil-qasam gurnalistiku) trid tkun mehtiega f'socjetà demokratika; trid tkun awtorizzata b'ligi; trid tkun maghmula ghal skop legittimu; u r-restrizzjoni trid tkun proporzjonata ghall-iskop legittimu li jrid jintlahaq.

"Il-Qorti Ewropeja taghti importanza lir-rwol tal-gurnalizmu u l-*media*, partikolarment fil-qafas tal-libertà tal-espressjoni. Din l-importanza giet spjegata mill-Qorti Ewropeja f'diversi sentenzi bhal **The Observer and Guardian v. United Kingdom** (ECHR 26.11.1991).

"Fis-sentenzi taghha l-Qorti Ewropeja enfasizzat ir-rwol ewlieni tal-gurnalist f'socjetà demokratika, u l-importanza li dan jithalla jwassal l-informazzjoni lic-cittadin bl-aktar mod ampju. Il-gurnalist m'ghandux xi drittijiet aktar minn cittadin normali, izda gie rikonoxxut li fil-mansjoni tieghu li jwassal informazzjoni lill-pubbliku, partikolarment fejn din tittratta materja ta' importanza pubblika jew persuni pubblici b'mod partikolari fil-qasam politiku, ir-rwol tal-gurnalizmu huwa centrali fit-tmexxija u l-harsien tas-socjetà demokratika (ara **Goodwin v. United Kingdom**: ECHR 27.3.1996). Huwa biss cittadin informat li jista' jaghmel gudizzju hieles u jezercita b'mod effettiv il-libertajiet u d-drittijiet tieghu."

"Dan huwa minnu, u huwa minnu wkoll illi fl-interess tal-istess legalità huwa essenzjali illi min ghandu d-dmir li jwassal l-informazzjoni lill-poplu jkollu libertà ampja li jaghmel dan bla biza' ta' riperkussjonijiet kontra tieghu talli jkun qeda sew id-dmir tieghu. Dan izda ma huwiex certifikat ta' immunità, u ma jehlisx mid-dmirijiet ta' gurnalizmu onest u responsabbli.

"Fost id-dmirijiet ta' gurnalizmu responsabbli hemm dak li jwassal il-verità, u mhux skorrettezzi jew *suggestio falsi*.

Dan id-dmir kien imfisser hekk mill-Qorti Ewropeja *in re* **Bladet Tromsø u Stensaas v. in-Norvegja**[4]:

*““1. One factor of particular importance for the Court’s determination in the present case is the essential function the press fulfils in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, in particular in respect of the reputation and rights of others and the need to prevent the disclosure of confidential information, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. … … … In addition, the Court is mindful of the fact that journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation. … … … In cases such as the present one the national margin of appreciation is circumscribed by the interest of democratic society in enabling the press to exercise its vital role of “public watchdog” in imparting information of serious public concern. … … …*
*… … …*

*“2. Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom carries with it “duties and responsibilities”, which also apply to the press. … … … By reason of the “duties and responsibilities” inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism.”*

“Jista’ jinghad illi fil-kaz tallum il-konvenut kien “*acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism*”? Fil-fehma tal-Qorti, it-twegiba ma tistax ma tkunx le: il-

4 20 ta’ Mejju 1999.

kitba turi bl-aktar mod car illi l-konvenut kellu *animus iniuriandi*, u illi l-hsieb tieghu kien mhux li jaghti taghrif fattwali b'mod li jhalli lill-qarrej jasal ghall-konkluzjoni tieghu izda li kemm jista' jkun ihammeg lill-attur.

"Il-konvenut jitlaq mill-premessa illi l-attur jissemma fid-djarju ta' Ciro del Negro, u dan ighidu fl-istess kuntest li fih isemmi persuni ohrajn li wkoll jissemmew fid-djarju u li huma mcappsa bi kriminalità. Din il-premessa, izda, hija falza. L-attur ma jissemmiex fid-djarju; jisemma biss huh – "*Joe Galea fratello di Louis*" – u l-isem tal-attur jissemma minn del Negro biss biex ikun maghruf min hu huh, u mhux biex ighid illi l-attur kien wiehed minn dawk li kienu jkunu fl-ufficcju tal-Mosta.

"Il-konvenut kellu kull jedd u kull interess li jsemmi lil Joe Galea u jghid illi dan huwa hu l-attur; kellu wkoll jedd illi jistaqsi jekk l-attur jafx ma' min jaghmilha huh u wkoll jekk hux qieghed jabbuza mill-pozizzjoni tieghu biex ihares lil huh minn stharrig mill-pulizija. Il-konvenut, izda, ma jaghmilx hekk. Ighid illi l-attur kien fost il-persuni li ssemmew li kienu jkunu fl-ufficcju tal-Mosta – fatt li ma hux veru, ghax fid-djarju l-attur ma jissemmiex li kien ikun fl-ufficcju tal-Mosta – fejn "kienu jigru hafna affarijiet strambi" u fejn del Negro "kien jisma' wkoll kliem dwar traffikar ta' droga". Din hija *suggestio falsi* mill-aktar serja, u tkompli tissahhah meta ritratt ta' wicc l-attur jidher, flimkien ma' dak ta' persuni ohra li nstabet hatja ta' traffikar ta' droga, biswit risproduzzjoni ta' pagna mid-djarju, bhallikieku l-attur huwa wiehed mill-persuni li jissemmew fid-djarju u li kellhom x'jaqsmu ma' dak li kien qed jigri meta mhux biss ma ngiebet imqar l-icken prova li l-attur huwa b'xi mod imdahhal fit-traffikar tad-droga izda wkoll lanqas del Negro ma jaghmel din l-allegazzjoni.

"Effettivament il-konvenut qieghed ighid illi del Negro semma bosta persuni "inkluz persuni li llum jiffurmaw parti mill-Kabinett Nazzjonalista", fosthom l-attur, li kienu jiffrekwentaw ufficcju fil-Mosta fejn del Negro kien jisma' kliem dwar "kif kien isir in-negozju tad-droga". Dan, izda, ma hu minnu xejn ghax del Negro mkien ma jghid illi kien jara lill-attur f'dak l-ufficcju.

“Sewwa ghalhekk ighid l-attur illi ismu ddahhal f’din l-istorja fuq premessa falza.  Il-konvenut, wara li holoq din il-holqa falza bejn l-attur u l-allegazzjonijiet ta’ del Negro, kompla jibni fuqha u jpingi stampa li min jaraha jitwassal biex jahseb illi del Negro kien allega illi l-attur huwa mdahhal fit-traffikar tad-droga.  Dan mhux talli ma huwiex “rapportagg gurnalistiku fidil u shih”, u ma huwiex gurnalizmu onest u responsabbli izda huwa prova cara ta’ hazen mahsub mhux biex iwassal taghrif ta’ interess pubbliku izda biex ihammeg lill-attur.

“Il-Qorti ghalhekk issib illi l-konvenut tassew ta malafama lill-attur billi attribwixxa lilu fatti determinati li huma foloz bil-hsieb li jesponih ghad-disprezz u l-istmellija tal-pubbliku.

”Nghaddu issa ghal-likwidazzjoni tad-danni.

“Il-hazen li bih mexa l-konvenut, li kellu biss il-hsieb li jhammeg lill-attur u xejn aktar, u s-serjetà tal-allegazzjonijiet maghmula kontra l-attur, ghandhom iwasslu ghal-likwidazzjoni li tkun eqreb tal-massimu milli tal-minimu.  Li jista’ jtaffi d-danni huwa biss il-fatt illi l-pubblikazzjoni, ghalkemm bi pretensjoni ta’ “gurnalizmu investigattiv”, hija b’mod trasparenti kitba ta’ politika partigjana, u ghalhekk min jaqraha jaf li ghandu jiehu dak li jsib fiha *cum grano salis*.

“Wara li qieset dawn il-fatturi kollha, il-Qorti tillikwida d-danni fis-somma ta’ elfejn u hames mitt Lira (Lm2,500). ”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut tal-1 ta’ Novembru 2007, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

“......tirrevoka u thassar is-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Ottubru 2007, li permess taghha cahdet l-eccezzjonijiet tal-esponent, laqghet it-talbiet tal-attur appellat u qalet li l-esponent tah malafama bil-pubblikazzjoni “Il-Hbieb tal-Hbieb”, illikwidat id-danni li garrab l-istess attur appellat

ghall-malafama fis-somma ta' Lm2,500 u kkundannat lill-esponent ihallsu d-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imghax u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni, u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponent u tichad it-talbiet attrici u f'kull kaz anke fl-eventwalita` li minkejja s-suespost, jidrilha li ghandha tikkonferma is-sejbin ta' htija ta' malafama, tirriforma s-sentenza billi tirriduci d-danni likwidati mill-ewwel Qorti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta tal-appell tal-attur tat-23 ta' Novembru 2007, li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, stqarr li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija legalment korretta u fattwalment gusta u timmerita li tigi konfermata fl-intier taghha bl-ispejjez kontra l-appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi dan hu kaz ta' libell li l-attur fetah wara li hassu malafamat b'referenzi li saru ghalih f'ktieb li ppubblika l-konvenut bl-isem "Il-Hbieb tal-Hbieb". L-ewwel Qorti sabet favur l-attur u ordnat lill-konvenut ihallas id-danni. Il-konvenut appella mis-sentenza u argumenta li l-fatti huma kollha vera u l-kummenti tieghu kienu fic-cirkostanzi legittimi.

Din il-Qorti bla tlaqliq ma taqbilx mat-tezi tal-konvenut appellant. Il-konvenut bena "storja" ta' fantasija min-notament li Ciro Del Negro ghamel fid-djarju tieghu fis-sens li ra jew tkellem ma' *"Joe Galea fratello di Louis"*. Minn dan in-notament fejn l-awtur semma lill-attur biss bhala punt ta' referenza biex jiddentifika lill-Joe Galea, il-konvenut ried jimplika lill-istess attur fi storja ta' traffikar ta' droga, tant li staqsa jekk il-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, Dr. Fenech Adami, tkellimx mal-attur u staqsieh ghaliex jissemma' fid-djarju ta' Ciro del Negro. B'dan il-kumment ried jimplika li l-attur kellu xi forma ta' konnessjoni ma'

Ciro del Negro u staqsa jekk il-Prim Ministru investigax din il-konnessjoni. Il-konvenut kompla jghid li l-persuni msemmija fid-djarju lkoll cahdu li jafu lil Ciro del Negro, pero`, b'referenza diretta ghall-ahwa Galea, u b'mod li juri li hu ma kienx qed jemmen din ic-cahda, ikkummenta – b'mod sarkastiku – li "ghal naqra kienu se jispiccaw li l-ahwa ma kienux jafu lil xulxin". B'dan il-kumment, il-konvenut wera li, skond hu, kien car li l-attur kien jaf lill-Ciro del Negro u meta aktar qabel indika lill-attur bhala wiehed li fost ohrajn jissemma fid-djarju, ried jorbot lill-attur man-nies l-ohra, nies li, kif ighid l-istess konvenut, ma kienux ta' reputazzjoni tajba.

Fid-djarju l-attur jisemma biss bhala punt ta' referenza izda l-konvenut, bil-kitba tieghu, ta x'jifhem li l-attur kellu x'jaqsam ma' din il-klikka nies u mal-awtur tad-djarju, Ciro del Negro. Anke meta qal li fid-djarju jissemmew "Louis Galea u huh Joe", il-konvenut, b'mod intenzjonali ma kienx preciz, u ried jaghti enfasi zejda fuq l-isem tal-attur, meta hu car li r-riferenza li ried jaghmel Ciro del Negro hija ghall-hu l-attur u mhux ghall-attur innifsu.

Hu principju, kif qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Attard v. Mifsud noe**, deciza fis-27 ta' Marzu 2009 li f'materja ta' ingurja permezz tal-istampa, l-ingurja tista' tirrizulta anke permezz ta' *innuendo*, "jigifieri dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemmiet b'isimha, u dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata." F'dan il-kaz, il-konvenut ma kitibx li l-attur kellu x'jaqsam mat-traffikar tad-droga, izda, bil-kliem li uza u kif poggiehom, hekk ta x'jifhem. Kif kompliet tghid din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza fuq imsemmija:

*"Dan iffisser illi l-kliem, apparentement innocenti, jista' jkollhom tifsira diffamatorja meta moqrija b'referenza ghat-titlu tal-artikolu, il-kuntest li fihom dehru, il-mod tar-rapprezentazzjoni taghhom u ta' dawk ic-cirkostanzi l-ohra kollha li fihom inkitbu u dak tal-messagg li ried jitwassal lill-qarrejja. L-appellanti ma jistax jippretendi illi l-ewwel Qorti kellha ta' bilfors tifhem, in bazi ghal dak hawn*

*konsiderat, illi t-tifsira taghhom kienet ezenti minn kull dubju."*

F'dan il-kaz, meta tqis it-titolu tal-ktieb, bis-*sub-heading* "Drogi, Flus u Whisky", ir-rabta li ghamel il-konvenut bejn l-attur u l-persuni l-ohra implikati minn Ciro del Negro f'attivita` illecita, il-mod tar-rapprezentazzjoni taghhom u t-talba li ghamel ghall-spjegazzjoni mill-attur, jindika car il-messagg li ried iwassal lill-qarrejja.

Filwaqt li hu minnu li persuna midhla fil-politika ghandha tkun tolleranti ghall-kritika li ssirilha dwar il-qadi tal-funzjoni taghha, dan il-kaz ma jipprezentax dawn il-fattispecie. Dan mhux kaz fejn qed issir kritika lill-attur ghal xi haga li wettaq *qua* funzjonarju tal-istat, izda referenza li saret ghal ismu semplicement biex jigi identifikat huh, spiccat biex hu wkoll jizzeffen fin-nofs f'dak li allegatament kien qed jigri fl-ufficcju tan-Nutar Lawrence Gatt (fejn hafna min-nies imsemmija fid-djarju jinghad li gieli ltaqghu). L-attur kellu funzjoni pubblika u kien, allura, espost ghall-kritika anke wahda iebsa ghal dak li wettaq jew ma wettaqx. Izda, f'dan il-kaz, l-attur jissemma fid-djarju biss ghal fini ta' identifikazzjoni ta' persuna ohra, u ebda riferenza politika ma kellha ssir. Ma kellux ghalfejn jintalab li jaghti spjegazzjoni, ghax l-attur ma gie implikat f'xejn. L-ghan tal-enfasi, bil-mod kif sar, kien zgur biex jitfa' dell ikrah fuq l-attur u jitfa' dubju dwar l-involviment tal-attur f'dak li kien allegat li jsehh fl-ufficcju tan-nutar imsemmi. Li kieku l-konvenut ma riedx jimplika xi haga hazina fil-konfront tal-attur ma kienx jinsisti li l-Prim Ministru ta' dak iz-zmien kellu jitlob spjegazzjoni minghand l-attur. L-awtur ried iwassal li l-qarrejja jifhmu li l-attur kien implikat f'materja ta' traffikar ta' droga u attivitajiet affini.

Kummenti fuq agir <u>li jkun sehh</u> fi sfera politika jista' jkun tollerabbli (ara bhala ezempju l-kawza **Sant v. Bugeja**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-27 ta' Marzu 2007), pero`, meta dak li jkun jipprova jispekula fuq semplici referenza u mhux fuq agir jew kummenti tal-politiku, ikun qed imur oltre` minn dak permess f'socjeta` demokratika.

Dak li jsir f'kaz ta' gurnalizmu investigattiv, anke meta jirrizulta zball, jista' wkoll ikun tollerat. Fil-fatt, fil-kawza **Aquilina noe v. L-Avukat Generali et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, u b'riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri, kienet saret din l-osservazzjoni dwar il-materja in kwistjoni:
*"Fil-kawza **Galea v. Mifsud**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2007, intqal li gurnalizmu investigattiv ghandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in generali li jkun infurmat. Intqal a propozitu li: "meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha tati margini u latitudni mill-aktar wiesa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wiehed fair o meno (ara ez. **Victor Pace v. Joe Azzopardi et** Qorti tal-Appell, 8/6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li, jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet **Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL** [2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)). Dan kollu pero`, ghar-raguni appena spjegata, ma japplikax ghall-ktieb meritu ta' din il-kawza ghax jonqos palesament l-element investigattiv fih.""*

Anke f'dan il-kaz, hu palesament nieqes l-element investigattiv serju fil-pubblikazzjoni. L-awtur, f'dan il-ktieb, ma investiga xejn u hareg *"at a tangent"*. Anke r-ritratt tal-attur kien zejjed meta fid-djarju ma kienx implikat. Ghalkemm jista' jigi argumentat li l-konvenut kellu dritt jikkumenta fuq dak li sab notat fid-djarju, b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li fic-cirkostanzi tal-kaz, tali oppinjoni jew kumment huwa *fair*.

L-appellant jaghmel referenza ghal sensiela ta' sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg dwar il-liberta` tal-espressjoni garantita bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Din il-Qorti taqbel li huwa lecitu, hafna aktar

milli qatt kien, skond il-gurisprudenza kif zviluppat matul iz-zminijiet, li tikkritika kemm trid, diment li din issir entro certi limiti u li l-liberta` ma tissarafx f'libertinagg u f'irresponsabbilta` b'tali mod li persuna tigi assoggettata ghal addebiti foloz li jistghu jwasslu biex joskurawha f'ghajnejn il-pubbliku.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Caruana v. Mifsud**, deciza fl-24 ta' Settembru 2004:
*"Il-liberta` ta' espressjoni m'hijiex xi licenzja li wiehed ighid li jrid minghajr kontroll. Id-dritt invokat mill-appellant huwa suggett ghal certu kundizzjonijiet. Hekk per ezempju, fil-kaz* ***Bladet Tromso and Stensaas v. Norway*** *(20 ta' Mejju 1999) il-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem esprimiet ruhha hekk:*

*"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the article the exercise of this freedom carries with it "duties and "responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, as in the present case, there is a question of attacking the reputation of private individuals and undermining the "rights of others"...by reason of "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism." (*para 65) (Sottolinear ta' din il-Qorti)."

Dan kollu japplika wkoll ghal dan il-kaz.

Ghar-rigward l-aggravju dwar l-ammont ta' danni likwidat mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-istess, anke ghaliex il-konvenut, fil-fehma tal-Qorti, ma kienx qed jagixxi in bona fede meta involva lill-attur f'materja li hu ma kellux x'jaqsam, u meta l-attur cahad l-involviment tieghu, il-konvenut baqa' jinsisti, u anzi kwazi

waqqa' ghac-cajt dik ic-cahda tieghu. Fil-kuntest tal-attur bhala ex-Ministru ta' Gvern, din l-istess Qorti kellha dan xi tghid dwar il-posizzjoni tieghu fil-kawza **Galea v. Ghirxi noe**, deciza fid-19 ta' April 2005:

*"L-appellant jilmenta b'mod partikolari mill-fatt li l-ewwel Qorti qalet li l-malafama f'dan il-kaz hija aktar gravi u serja ghax diretta lejn persuna pubblika, Deputat u ex-Ministru, u li ghal xi zmien kien repsonsabbli proprju mid-dikasteru inkarigat mill-glieda kontra l-abbuz u t-traffikar tad-droga. Issa, filwaqt li huwa veru li persuna pubblika bhal ma kien (u ghadu) l-attur ma tgawdi minn ebda "privilegg" fir-rigward tal-ligi tal-libell – anzi, kif inghad, tali persuna tista' tigi soggetta ghal kritika aktar harxa milli tista' tkun accettabli fil-konfront ta' persuna mhux pubblika – huwa daqstant veru wkoll li r-reputazzjoni ta' persuna pubblika, jekk tintilef minhabba allegazzjonijiet li jirrizulta li kienu malafamanti u maghmula bi ksur tal-ligi, difficilment terga' tigi riakwistata, bil-konsegwenzi kollha li jista' jkun hemm ghall-karriera pubblika ta' dik il-persuna. Huwa f'dan is-sens li l-ewwel Qorti rriferiet ghall-gravita` tal-malafama f'dan il-kaz, u frankament din il-Qorti ma tara' xejn censurabbli fir-rigward."*

Kwindi ma tarx li ghandha tnaqqas l-ammont ta' danni kif likwidat mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha (nkluzi dawk ta' dan l-appell) jithallsu mill-istess konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------